# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 7**

**Rikors numru 820/2015 JVC**

**Cassar Fuel Limited (C 28453)**

**v.**

**AOT Trading AG, li ghandha s-sede taghha fi Grafenauweg 4, 6300 Zug, Svizzera, registrata skond il-Ligijiet ta' l-Isvizzera u b'digriet tal-25 ta' Ottubru 2016 Dr Adrian Attard assuma l-atti tal-kawza bhala prokuratur specjali ghall-istess socjeta`**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentatipprezentat mis-socjeta` rikorrenti Cassar Fuel Limited fil-31 ta' Awwissu, 2015, li fih inghad hekk:

> "1) Illi s-socjeta` rikorrenti Cassar Fuel Limited xtrat minghand is-socjeta` intimata AOT Trading AG kwantita` ta' fuel, u cioe` hames mitt

Metric Tons (500 MT) ta' fuel Light Cycle Oil (LCO) bil-prezz ta' $1009 per metric ton, u hallsu l-valur shih tal-kuntratt;

"2) Illi fit-22 ta' Gunju 2015, is-socjeta` rikorrenti talbet u ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru numru 1007/15 kontra s-socjeta` intimata ghas-somma ta' Dollari Amerikani ($) 135,741.78 (mija u hamsa u tletin elf, seba' mija u wiehed u erbghin Dollaru Amerikan u tmienja u sebghin cent) li fi flus ekwivalenti fil-munita EURO jammontaw ghal EUR 120,136.10 (mija u ghoxrin elf u mija u sitta u tletin EURO u ghaxar centezmi), u dan bhala valur ta' 134,.531 Metric Tons ta' fuel LCO;

"3) Illi l-fatti huma li meta l-bastiment Sacro Cuor 1 mar biex jghabbi l-kwantita` mixtrija ta' 500 Metric Tons, u seta' jghabbi biss 365.469 Metric Tons, jigifieri l-kapacita` shiha ta' dan il-bastiment. Ghaldaqstant, iz-zewg partijiet, flimkien ma' l-Oiltanking Terminal, ftehmu li jitghabbew biss 365.469 Metric Tons. Peress li s-socjeta` rikorrenti kienet diga` hallset il-valur shih tal-kuntratt, is-socjeta` rikorrenti hija kreditrici ghall-valur tal-parti li ma tghabbietx fuq il-bastiment Sacro Cuor 1, jigifieri l-valur ta' 134.531 Metric Tons;

"4) Illi l-valur tieghu fi flus huwa ta mija u hamsa u tletin elf, seba` mija u wiehed u erbghin Dollaru Amerikan u tmienja 3 u sebghin centezmi (US Dollars 135.741.78), li fil-valuta ta' Euro jammonta ghal mija u ghoxrin elf, mija u sitta u tletin Euro u ghaxar centezmi (EUR 120,136.10);

"5) Illi konsegwetement is-socjeta` rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta` intimata fl-ammont imsemmi ta' mija u ghoxrin elf, mija u sitta u tletin Euro u ghaxar centezmi (EUR 120,136.10) jew ta' mija u erbgha u tletin elf punt hamsa tlieta wiehed (134.531) Metric Tons;

"6) Illi s-socjeta` rikorrenti ghamlet proposta ta' ftehim, liema proposta giet respinta mis-socjeta` intimata. Ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

"Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

"1) Tiddikjara illi, ghar-ragunijiet hawn fuq imfissra, is-socjeta` rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta` intimata fis-somma ta' EUR 120,136.10 bhala rifuzjoni ta' flus imhallsa zejda lis-socjeta` intimata ghal fuel oils li ma tghabbewx u dan bi ftehim bejn iz-zewg partijiet u l-Oiltanking Terminal;

"2) Tikkundanna lis-socjeta` intimata AOT Trading AG thallas lis-socjeta` rikorrenti Cassar Fuel Limited is-somma ta' EUR 120,136.10.

"Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1007/15 mahrug fit-22 ta' Gunju 2015 u tal-ittra privata tal-4 ta' Awissu 2015, u

bl-imghaxijiet mill-31 ta' Dicembru 2012 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-kumpannija konvenuta, li hija ngunta ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` AOT Trading AG,ipprezentata fil-11 ta' Novembru, 2016, li permezz taghha gie eccepit:

"1. Illi preliminarjament, qed jigi sottomess illi dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex gurisdizzjoni sabiex tiehu konjizzjoni tal-kawza u dan in vista tal-fatt, inter alia, li l-kuntratt ta' bejgh datat 31 ta' Awissu 2012 specifikament jikkontenti li kull vertenza bejn il-partijiet kuntrattwali ghandha titressaq esklussivament quddiem il-Qrati Inglizi. Kopja tal-pattijiet u kondizzjonijiet miftehmin bejn il-partijiet hawn annessa u immarkata bhala 'Dokument AOT 1';

"2. Illi fil-mertu, u bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tas-socjeta` attrici huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi fil-fatt kienet is-socjeta` konvenuta li naqqset mill-obbligi taghha skond il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet;

"3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` konvenuta QATT ma tat l-kunsens taghha sabiex jitghabbew biss 365.469 MT tal-konsenja taz-zejt in kwistjoni minghajr ma jigu mghobbija sussegwentament il-kumplement tal-istess konsenja u fil-fatt interpellat lis-socjeta` rikorrenti fuq diversi occazzjonijiet sabiex din ta' lahhar tmur tghabbi l-bqija tal-konsenja u cioe' l-134.531 MT li ghadu sallum ghand Oil Tanking Malta;

"4. Bla pregudizzju ghall-premess, m'huwiex minnu li s-socjeta` konvenuta hija kreditrici tas-socjeta` rikorrenti ghall-ammont mitlub, u dan kif ser jigi pruvat fil-mori ta' dawn ilproceduri;

"5. Minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` konvenuta soffriet danni u kellha thallas diversi spejjez minhabba l-ksur tal-ftehim u f'dan ir-rigward is-socjeta` konvenuta qeghda tirreserva id-drittijiet taghha kollha;

"6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

"Bl-ispejjez."

3. Rat is-sentenza preliminari li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' Novembru, 2019, li permezz taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-

socjeta` konvenuta dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni u ordnat il-prosegwiment tal-kawza, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` konvenuta.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi din il-Qorti ghandha quddiemha talba ghal kundanna ta' hlas da parti tas-socjeta` intimata AOT Trading AG fl-ammont ta' mija u ghoxrin elf mija sitta u tletin ewro u ghaxar centezmi (€120,136.10) rapprezentanti rifuzjoni ta' flus imhallsa allegatament zejda lis-socjeta` intimata ghal 'fuel oils' li ma tghabbewx fuq il-bastiment Sacro Cuor 1 u dan allegatament wara ftehim bejn iz-zewg partijiet u l-Oiltanking Terminal. Min-naha taghha, s-socjeta` intimata qajjmet eccezzjoni ta' natura preliminari li taqra kif isegwi:
>
>> *"1. Illi l-Onorabbli Qorti m'ghandiex gurisdizzjoni sabiex tiehu konjizzjoni tal-kawza u dan in vista tal-fatt, inter alia, li l-kuntratt ta' bejgh datat 31 ta' Awwissu, 2012 specifikament jikkontenti li kull vertenza bejn il-partijiet kuntrattwali ghandha titressaq esklussivament quddiem il-Qrati Inglizi. Kopja tal-pattijiet u kundizzjonijiet miftehmin bejn il-partijiet giet ipprezentata fl-atti u tinsab immarkata bhala Dokument AOT, a fol. 47 u fol. 48 tal-process."*
>
> "Illi kif gia suespost permezz tad-digriet moghti nhar l-1 ta' Dicembru, 2016 (a fol. 50 tal-process) il-Qorti ordnat li jingabru l-provi dwar l-ewwel eccezzjoni.
>
> "L-ewwel eccezzjoni
>
> "Illi l-eccezzjoni tas-socjeta` intimata ssib l-origini taghha mill-klawsola bin-numru tnax (12) ta' ftehim milhuq bejn minn naha l-wahda bhala xerrej – Cassar Fuel Limited u minn naha l-ohra bhala bejjiegh - AOT Trading AG. Dan l-ftehim, ghalkemm mhux iffirmat stante li rrizulta mill-provi li l-prassi bejn il-partijiet dejjem kienet li jghaddu korrispondenzi simili bl-uzu ta' l-emails, gie mibghut minn certu J. Tramontano li kien jirrapprezenta lil AOT Trading AG tramite email datata 31 ta' Awwissu, 2012 lis-socjeta` attrici Cassar Fuel Limited indirizzata lil Sarah Cassar (a fol. 47 u fol. 48 tal-process). Jirrizulta mill-atti, li l-ebda parti ma kkontestat il-validita' tal-ftehim imsemmi. Din il-klawsola relatata tghid is-segwenti:
>
>> *'12. Law/Arbitration: This contract shall be governed by English Law. Any dispute between the parties or claims arising under, out of or in connection with the agreement shall be referred to and determined by*

> *the English High Courts and parties hereto submit themselves to the exclusive jurisdiction of the English Courts without recourse to Arbitration*.'

"Illi din il-klawsola hija pjuttost cara. Hija tistipula li l-Ligi applikabbli fi kwalunque tilwima li tinholoq taht, minn jew b'rabta mal-ftehim ghandha tkun il-Ligi Ingliza, u l-Qrati, precizament l-English High Courts ghandhom gurisdizzjoni esklussiva.

"Illi l-Qorti rat li kwistjoni simili dwar kwezit jekk klawsola simili fi ftehim tizradikax ghal kollox l-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati, kienet tqajjmet fil-kawza fl-ismijiet Middlesea Insurance Plc pro et noe -vs- Bianchi & Co (1916) Limited deciza nhar is-27 ta' Frar, 2014 minn din il-Qorti, diversament preseduta, fejn gie dikjarat kif isegwi:

> '*Illi dwar il-kwistjoni tal-inkompetenza tal-Qrati ordinarji minhabba deroga mahluqa minn klawsola ta' gurisdizzjoni, il-ligi tal-Procedura tistabbilixxi li l-fatt wahdu li jkun hemm Qorti ohra barranija li jkollha gurisdizzjoni konkorrenti ma jeskludix minn qabel il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin[1]. Jidher li dak l-artikolu japplika fejn ikun hemm diga' kawza dwar l-istess haga jew konnessa maghha li qieghda tinstema' minn Qorti barranija. Jekk ma jkunx hemm kawza bhal dik diga` mibdija, jidher li s-setgha li Qorti Maltija tqis u tisma' l-kawza tiddependi mill-kriterji li normalment isejsu l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin skont l-artikolu 742(1) tal-Kap 12*.
>
> *Izda kif gie osservat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz fl-ismijiet "Peter Arrigo noe v Dr. Chris Cilia et. noe" (PA(JRM) - dec. fil-11 ta' Dicembru 2003). "Sa minn zmien ilu, il-Qrati taghna taw gharfien lill-klawsoli gurisdizzjonali, u dan l-izjed taht is-sahha tal-principju tal-liberta' kuntrattwali tal-partijiet u l-iehor li pacta sunt servanda, u jigifieri li jekk parti tkun intrabtet b'patt li kwistjoni kellha titresssaq quddiem qorti jew tribunal partikolari, dik ir-rabta ma setghetx tintesa jew titwarrab jekk mhux bi qbil bejn kulhadd[2]."*
>
> *Izda ghalkemm kien hemm xi ftit kazijiet fejn l-ezistenza ta' klawsola bhal dik wasslet biex il-Qorti qisitha bhala wahda tassattiva li tnehhi l-gurisdizzjoni taghha[3], il-bicca l-kbira tad-decizjonijiet huma fis-sens li l-Qrati Maltin ghandhom kull jedd li jezercitaw diskrezzjoni jekk iwarrbux il-gurisdizzjoni taghhom taht is-sahha ta' klawsola bhal dik[4]. Dan il-hsieb jaqbel sewwa ma' dak li tipprovdi espressament il-ligi taghna llum, u l-fehma l-izjed accettata hija li klawsola bhal dik ma tistax titfisser bhala li tezawtora ghal kollox u minn qabel il-gurisdizzjoni tal-Qorti li mqarr*

---

[1] *Art. 742(2) Kap.12.*

[2] Ara, per ezempju, P.A. 12.3.1954 fil-kawza fl-ismijiet "Tonna Barthet vs Pace noe" Kollez. Vol: XXXVIII.iii.653).

[3] Ara, per ezempju, Kumm. 6.10.1959 fil-kawza fl-ismijiet "Lucia noe vs Borg" (Kollez.Vol: XLIII.iii.870)

[4] Ara, per ezempju, App. Civ. 9.12.1935 fil-kawza fl-ismijiet "Frendo vs Naudi et "(Kollez. Vol: XXIX.i.1317)

*tistharreg il-kwistjoni*[5]*, u fejn, ikkunsidrati c-cirkostanzi, jkun jidher li l-partijiet tassew riedu din il-klawsola". (Vol. XXIV P I p 1067);*

*Fis-sentenza "PL Edoardo Frendo noe -vs- Dottor Roberto Naudi et noe", Appell, 9 ta' Dicembru 1935 (Vol. XXIX P I p 1317), ittiehdet il-veduta prattika illi:*

*"allavolja jkun hemm klawsola f'dak is-sens, il-Qrati taghna ghandhom gurisdizzjoni meta tkun kwistjoni ta' atti ta' avarea, jew ta' verifiki ta' danni li ma tistax issir hlief hawn Malta; jew almenu ma tistax issir quddiem it- tribunal ta' barra ahjar, u b'anqas spejjez, u f'anqas zmien milli quddiem it-Tribunal taghna." Ara wkoll fl-istess sens decizjonijiet a Vol. XVII P II p 33; Vol. XXIII P III p 484; "Gerald Bartoli noe -vs- Emanuel Mathioudes noe", Appell Kummercjali, 29 ta' Lulju 1970);*

*"Kif din il-Qorti kif diversament presjeduta irriteniet: "Dan il-kriterju nsibuh abbraccjat f'bosta gurisdizzjonijiet ohra. Anzi dawn spiss imorru oltre l-aspett singolari tal-verifika tad-danni. Jitqiesu fatturi bhal konnessjoni diretta, reali u sostanzjali mal-pajjiz ta' l-iskarikazzjoni billi l-provijistghu jigu rakkolti u stabbiliti ahjar, il-fatt tat-trapass taz-zmien, dubji dwar il-motivi tal-parti li teccepixxi n-nuqqas tal-gurisdizzjoni, l-ispejjez involuti u l-kwalita` ta' gustizzja fil-pajjiz xelt. Ara, fost ohrajn, "The Adolph Warski", 1976; "The El Awria" 1980, "The Pia Veste", 1984. "Materja bhal din hi mhollija fid-diskrezzjoni tal-gudikant adit mill-kaz" ("Joseph Felice Pace noe v Godwin Abela noe"- P.A. (PS) - dec. fit-28 ta' April 2003.*

*"Fil-kaz Ingliz, The Eleftheria, (1970)*[6] *citat minn Cheshire and North fil-ktieb "Private International Law"*[7] *il-principji li huma applikati minn Qorti Ingliza rinfaccjata b'talba mill- vettural ghas-soprasessjoni minhabba "exclusive jurisdiction clause" huma:*

*"..(2)The discretion (to stay) should be exercised by granting a stay unless a strong cause is shown for not doing so.(3)The burden of proving such strong cause is on the plaintiff.(4) In exercising its discretion the court should take into account all the circumstances of the particular case.(5) In particular, but without prejudice to (4), the following matters:-(a) in what country the evidence on the issues of fact is situated, or more readily available, and the effect of that on the relative convenience and expense of trial as between the English and foreign courts. (b) Whether the law of the foreign court applies and, if so, whether it differs from English Law in any material respects (c) With what country either party is connected and how closely. (d) Whether the defendants genuinely desire trial in the foreign country or are only seeking procedural advantages. (e) Whether the plaintiffs would be prejudiced by having to sue in a foreign court because they would be (i) deprived of security for their claim; (ii) be unable to enforce any judgment obtained; (iii) be faced with a time bar not applicable in*

---

[5] Ara, per ezempju, Kumm. 23.6.1994 GMA fil-kawza fl-ismijiet "John Bonello noe et vs John Ripard noe et" (konfermata fl-Appell imma ghal ragunijiet ohrajn fis-7.10.1997)

[6] *P.100.*

[7] *10th ed. p.114.*

*England, or (iv) for political, racial, religious or other reasons be unlikely to get a fair trial."*

*"Il-Qrati taghna stabbilew linja ta' principji gwida li, huma kompatibbli mal-principji enuncjati fl-The Eleftheria fuq citat.*

*"Hekk ad ezempju, johrog mir-ragunament tal-Imhallef A. Parnis fis-6 ta' Lulju 1911 fil-kawza "Giovanni Pace –vs- Gennaro Civitelli noe":-*

*"La Corte come presieduta ritiene che quella clausola nel commercio marittimo deve essere attesa quando colla stessa non venisse recato un grave pregiudizio al caricatore o ricevitore nel senso che il rinviarlo innanzi al tribunale del compartimento al quale appartiene il vapore lo metterebbe nella impossibilita` di proseguire la causa, e quando per la natura delle circostanze per le prove da essere addottati, l'esercizio dell'azione in queste Isole importerebbe economia di spese e non sarebbe pregiudizievole alla difesa per parte del vapore e dei suoi proprietari. In altri termini la clausola escludente la competenza del tribunale e` soggetta ad eccezioni, avuto riguardo alla circostanza ed avuto riguardo al fine pel quale quella clausola e` stata introdotta."*

*"Illi kif gie ritenut fil-kawza "Dr. Michael Scriha nomine vs Il Pamento Limited" (P.A. RCP. 9 ta' Jannar 2001) l-gurisprudenza nostrali hija konsistenti u tipprovdi, kif inghad inter alia fis-sentenza "John Galdes nomine vs Joseph Bowman nomine" (K. F. 21 ta' Gunju 1993) li:-*

*"Illi skont l-evoluzzjoni fid-dottrina li temani mill-gurisprudenza lokali jidher li tali kwalsoli bhal dik iccitata 'supra' huma legalment validi pero' m'humiex assoluti dejjem. Di fatti f'numru ta' kazi l-Qrati irritenew li nonostante tali klawsola, xorta ghandom gurisdizzjoni in kwantu u limitatament ghal kostatazzjoni tan-nuqqas jew tal-hsara rriporatata fil-merkanzija de quo".*

*"Illi dan isir peress li meta trid issir konstatazzjoni tal-kwalita' tal-merkanzija, l-allegata mankanza jew difetti li setgha fiha, jew dwar nuqqasijiet dwar l-istess merkanzija, il-Qrati taghna konsistentement irritenew illi meta l-istess merkanzija tinsab hawn Malta, id-determinazzjoni tad- domicilju reali, fejn trid issir l-ezami tal-istess merkanzija, huwa dejjem Malta, minhabba li jekk tali verifiki jsiru f'post iehor, fejn ovvjament ma hemmx tali merkanzija, dan issir hafna aktar difficli jekk mhux impossibbli. ("Robert Bonello nomine vs Agostina Mifsud et nomine". - K. S.S. 30 ta' April 1993- XXX D. iii. 373.- "Micallef et nomine vs Chev. Mifsud et nomine. - A.C. 26 ta' Ottubru 1991).*

*"Illi tal-istess portata huma s-sentenzi "Negoziante Andrea Gatt vs Negoziante Gustavo Gollcher" (K. 14 ta' Novembru 1916 - XIII. iii. 484) fejn inghad illi "il domicilio reale e' quello determinato dal luogo della scaricazione della merce trattandosi di una contestazione riguardo la mancanza della merce o la deficienza del peso di essa, fatti che possono solo accettarsi alla scaricazione, ed innanzi al tribunale del luogo di scaricazione che tali questioni possono agevolamente svolgersi e defenirsi".*

*"Illi kien ghalhekk u fuq dawn il-principji li l-Qorti fil-kawza "Prokuratur Legali Edoardo Frendo vs Dottor Roberto Naudi et nomine" (A. K. 9 ta' Dicembru 1935 - XXIX E. i. 1317) sostniet li, nonostante il-klawsola dwar gurisdizzjoni esklussiva ta' Qorti estera, din il-Qorti xorta ghandha gurisidizzjoni li tisma' l-kaz, jekk dan ikun iktar kompattibbli ghad-determinazzjoni tal-pendenza, u iktar facli li tali kwistjoni tigi ezaminata b'mod iktar prattiku, kemm ghaliex l-oggetti jkunu hawn Malta, u kemm ghaliex tali sentenza tkun tista' tigi esegwita hawn Malta. Fil-kaz imsemmi, fil-fatt kien jittratta dwar konsenja ta' injam, li l-konvenut sostna li kienet ta' kwalita' inferjuri, u peress li tali merkanzija kienet Malta, mela allura l-istess Qorti kkonfermat il-gurisdizzjoni taghha. ("Galea vs Hammer" - XX.iii.32; - "Pace vs Civitelli" - XXI. iii. 71; "Thomas vs Angeland" - K. 20 ta' Jannar 1975); "P.L. Edoardo Frendo vs Dr. Robert Naudi" - A.C. 9 ta' Dicembru 1935.*

*"Izda kull kaz ghandu il-fattispecje partikolari tieghu u d- diskrizzjoni finali hija dejjem tal-Qorti. Sta ghalhekk ghall-attur li jikkonvinci lill-Qorti ghaliex huwa ghazel li jissorvola l-klawsola gurisdizzjonali fil-polza.*

*"Illi d-difensur tas-socjeta` konvenuta iccita, in sostenn tal- eccezzjoni tieghu sentenza recenti moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta blismijiet "P.W.A.Co. Limited v Luisa Spagnoli S.p.A." (PA(AE) - dec. fit-12 ta' April 2013, il-Qorti kkonsidrat l-import ta' klawsola gurisdizzjonali fil-kuntest ta' Exclusive Distributorship Agreement u, wara li kkonstat li lilmenti attrici kienu intimament konnessi mal-Ftehim imsemmi, applikat il-klawsola gurisdizzjonali stipulat fil-Ftehim li vesta l-gurisdizzjoni fil-Qrati Taljani.*

*"Din is-sentenza mhix daqstant applikabbli ghall-kaz in ezami, ghajr li tat applikazzjoni shiha ghall-klawsola gurisdizzjonali. Fil-kazijiet fuq citati l-Qrati taghna gja ppronunzjaw ruhhom fuq mertu li hu simili ghal kaz odjern stante li jirrizulta li l-lanjanza tas-socjeta` atrici hija dwar short delivery ta' merkanzija li ngarret lejn Malta."*

"L-Artikolu 742 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi minn huma dawk il-persuni li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qrati Civili ta' Malta fejn jipprovdi illi:

*"(1) Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Ċivili ta' Malta mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taħt imsemmija:*

*"(a) ċittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domiċilju tagħhom band'oħra;*

*"(b) kull persuna, sakemm jew għandha d-domiċilju tagħha jew tkun toqgħod jew tkun qegħda Malta;*

*"(ċ) kull persuna, f'kawża dwar ħwejjeġ li qegħdin jew li jinsabu f'Malta;*

*“(d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f’Malta, iżda għall-kawżi biss li għandhom x’jaqsmu ma’ dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta;*

*“(e) kull persuna illi, għalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f’pajjiż ieħor, tkun ftehmet li għandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f’Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors għandu jkollha effett f’Malta, kemm-il darba, f’kull każ, dik il-persuna tkun tinsab Malta;*

*“(f) kull persuna, għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur ċittadin ta’ Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità ġuridika distinta jew assoċjazzjoni ta’ persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f’Malta, meta s-sentenza tista’ tkun esegwita f’Malta;*

*“(g) kull persuna li tkun b’mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qorti.”*

“Fil-kaz in kunsiderazzjoni n-negozju sar bejn ir-rikorrenti Cassar Fuel Limited li hija kumpanija Maltija u registrata hawn Malta u s-socjeta` intimata AOT Trading AG li tezercita n-negozju minn gewwa Zug, fl-Isvizzera. In-negozju kien jitratta x-xiri mir-rikorrenti ta’ hames mitt (500) tunnellata metrika ta’ Gasoil bil-prezz ta’ elf u disa’ dollaru Amerikan ($1009.00) ghal kull tunnellata metrika. Il-konsenja tal-hames mitt (500) tunnellata metrika ta’ Gasoil saret minn gewwa l-facilitajiet tal-Oiltanking Terminal Malta pero’ jirrizulta li l-bunker Sacro Cuor 1 li fuq struzzjonijiet tas-socjeta` rikorrenti mar sabiex igorr il-Gasoil ordnat kellu kapacita’ ta’ 365.469 tunnellata metrika u ghalhekk anqas minn kemm kienet ordnat is-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta’ 500 tunnellata metrika. Dan ifisser li s-socjeta` rikorrenti skont il-ftehim bejn il-partijiet kien jonqosha tigbor l-ammont ta’ 134.531 tunnellata metrika ta’ Gasoil li kellu l-valur ta’ USD 135,741.78 ekwivalenti fil-munita tal-euro ghal €120,136.10. Is-socjeta` intimata tallega li s-socjeta` attrici giet interpellata sabiex tirtira r--rimanenti Gasoil, fejn dejjem skont is-socjeta` intimata ghal ewwel kien hemm qbil li ser jigi mehud (ara email ta’ Darren Marmara a fol. 62 u fol. 63 tal-process) madanakollu ftit wara s-socjeta` attrici talbet ir-rimbors tal-ammont (ara email a fol. 64 sa fol. 66 tal-process) u sussegwentament intavolat il-kawza odjerna sabiex tigi rifuza l-ammont ta’ €120,136.10.

“Jinghad li s-socjeta` intimata ressqet bhala xhud taghha affidavit ta’ Peter Landwehr – Trading Manager tal-AOT Trading AG fejn fid-deposizzjoni tieghu huwa kkonferma li bhala prassi huma kienu jithallsu minn qabel tal-Gasoil u ghalhekk jirrizulta li l-500 tunnellata metrika kienu gia mhallsa (ara deposizzjoni a fol. 53 sa fol. 67 tal-process) u dwar dan ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet.

“Irid jinghad li mill-provi mressqa mill-partijiet relatati mal-gurisdizzjoni giet allegat mill-intimati AOT Trading AG li l-gasoil in kwistjoni m’huwiex mizmum fl-Oiltanking Terminal Malta. Issa, din il-Qorti fliet id-

deposizzjoni ta' Peter Landwehr fejn fl-email minnu mibghuta datata 2 ta' April, 2015 qal is-segwenti:

> '… The oil is still waiting for you. Due to the small amount, we propose to load it at Enemed. We will give you gasoil.' (a fol. 62 tal-process).

"L-istess ikkonfermat Sarah Cassar impjegata tas-socjeta` rikorrenti Cassar Fuel Limited fejn fid-deposizzjoni taghha bil-procedura tal-affidavit hija qalet is-segwenti:

> 'Il-pre-paid Light Cycle Oil li ma setax jitghabba fuq il-bastiment Sacro Cuor 1 baqa' jinzamm fl-Oiltanking Terminal. Dan ghadu hemm. (a fol. 75 u fol. 76 tal-process).'

"Dan gie rriaffermat minn l-istess Sarah Cassar meta hija xehdet in kontro-ezami fis-seduta ta' nhar l-14 ta' Marzu, 2019 (ara xiehda in kontro-ezami a fol. 93 sa fol. 97 tal-process).

"Illi s-socjeta` intimata AOT Trading AG pproduciet bhala xhud lis-Sur Aldo Mifsud rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana inkarigat mill-'fuel section' products fejn ipproduca dokument mibghut minn certa Rachel Caruana – Sales and Logistics Manager fi hdan l-Oiltanking Malta. Minn dan id-dokument jirrizulta li fit-terminal ta' Oiltanking Malta kien hemm mahzun l-ammont ta' 47,730.753 tunnellata metrika ta' 'fuel oil' fuq akkont ta' AOT Trading AG mis-16 ta' Novembru, 2018 (ara dokument a fol. 85 tal-process). Issa, kif jirrizulta mid-dokument, l-ammont mahzun ghand Oiltanking Malta huwa ferm izghar mill-ammont li s-socjeta` attrici ghandha tirtira. In oltre s-socjeta` attrici kellha ordnat gasoil u mhux fuel oil li huma zewg tipi differenti.

"Hawn din il-Qorti jidrilha li decizjoni dwar il-kwistjoni jekk il-prodott ordnat jinsabx mahzun f'Malta jew le aktar taghti lok li l-Qrati Civili ta' Malta ghandhom ikollhom gurisdizzjoni. Dan fid-dawl li l-provi kollha jinsabu Malta u jistghu jigu stabbiliti u rakkolti ahjar u b'akbar pratticita' stante li l-merkanzija giet ikkunsinjata hawn Malta. In oltre l-kwistjoni jekk ir-rimanenti Gasoil fl-ammont ta' 134.531 tunnellata metrika jinsabx ghand Oiltanking jew le tista tigi trattata aktar b'espedjenza mill-Qrati ta' Malta. Mill-banda l-ohra din il-Qorti ghandha d-dubji taghha kemm huwa aktar espedjenti u konvenjenti li kwistjoni bhal din tigi trattata minn Qorti ohra f'pajjiz iehor kunsidrat li l-maggorparti tal-provi u xhieda jinsabu hawn Malta.

"Illi s-socjeta` intimata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha taghmel referenza ghar-Regolament 1215/2015 dwar il-gurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet civili u kummercjali b'mod specjali ghal Artikolu 25 tar-Regolament. Dwar dan din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet C. & F. Building

Contractors Limited -vs- Siegfried Generics (Malta) Ltd (C34110) deciza nhar it-30 ta' Settembru, 2016 li ddikjarat kif isegwi:

> *"Issa, fi stadju inoltrat tal-appell, is-soċjeta` konvenuta għamlet referenza għall-konvenzjoni Europea tal-1968 (il-Brussels Convention on jurisdiction and the enforcement of judgments in civil and commercial matters), magħrufa komunement bħala l-Brussels I, u għall-hekk imsejħa Lugano Convention, iffirmata fl-1988, li tirrifletti l-ewwel konvenzjoni, iżda testendiha għan-Norveġja, l-Izlanda u l-Izvizzera. Skont din l-aħħar konvenzjoni, li hi applikabbli għall-każ, meta f'kuntratt ikun miftiehem bejn il-partijiet liema pajjiż għandu jiddetermina tilwima bejn l-istess partijiet, huma l-qrati ta' dak l-istat li jkollhom ġurisdizzjoni esklussiva biex tisma' dik it-tilwima.*
>
> *"Din il-Qorti, pero`, tqis li, f'dan il-każ, ir-regola msemmija ma tistax tiġi attwata.*
>
> *"Skont l-istess konvenzjoni, il-qorti ta' dak l-istat fejn il-konvenut ikun deher ("enters an appearance"), ikollha f'kull każ ġurisdizzjoni, u dan sakemm ma jkunx deher biss ("solely") biex jikkontesta l-ġurisdizzjoni tal-Qorti. F'dan il-każ, is-soċjetà konvenuta dehret quddiem il-qorti u ikkontestat mhux biss il-ġurisdizzjoni tal-istess qorti, iżda ressqet eċċezzjonijiet fil-meritu. B'dan il-mod, hi issottomettiet ruħha għall-ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin. Meta dehret fil-qorti, ma illimitatx ruħha biex tikkontesta l-ġurisdizzjoni tal-qorti, iżda daħlet fil-meritu tal-kwistjoni, ikkontrastat dak sottomess mis-soċjetà attriċi, u issottomettiet għall-ġurisdizzjoni tal-qorti Maltija dwar il-meritu.'*

"Illi tajjeb li jinghad illi l-Artikolu 23 tal-Brussels I (44/2001) huwa l-istess Artikolu precedenti tal-Artikolu 25 tar-Regolament 1215/2012 ikkwotat mis-socjeta` intimata. Konvenjentement s-socjeta` intimata m'ghamlitx referenza ghal Artikolu 26 tar-Regolament 1215/2012 illi jeskludi gurisdizzjoni minn Qorti jekk parti tkun issottomettiet ruhha ghall-gurisdizzjoni ta' dik il-Qorti. Hekk jghid l-Artikolu 26 tar-Regolament 1215/2012

> *'Article 26*
> *1. Apart from jurisdiction derived from other provisions of this Regulation, a court of a Member State before which a defendant enters an appearance shall have jurisdiction. This rule shall not apply where appearance was entered to contest the jurisdiction, or where another court has exclusive jurisdiction by virtue of Article 24*.'

"F'din il-kawza s-socjeta` intimata mhux biss ressqet eccezzjoni relatata mal-gurisdizzjoni pero' ressqet diversi eccezzjonijiet ohra fuq il-mertu b'dan illi hija ssottomettiet ruhha ghal gurisdizzjoni tal-Qrati Civili ta' Malta.

"Fid-dawl ta' dak kollu hawn fuq sottomess din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tichad l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni mqajjma mis-socjeta` intimata."

5. Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta AOT Trading AG, li permezz tieghu filwaqt li appellat mis-sentenza tat-28 ta' Novembru, 2019, talbet lil din il-Qorti tilqa' l-appell u timmodifika, tvarja u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tilqa' l-eccezzjoni preliminari imressqa minnha dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin fil-konfront tal-vertenza odjerna. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

6. Rat li ghalkemm is-socjeta` attrici kienet debitament notifikata, ma ressqet l-ebda risposta ghar-rikors tal-appell.

7. Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

8. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi din hija kawza fejn is-socjeta` attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' €120,136.10 bhala rifuzjoni ta' flus li jinghad li thallsu zejjed lis-socjeta` konvenuta ghal *fuel oils* li ma tghabbewx u dan bi ftehim bejn iz-zewg partijiet u l-Oiltanking Terminal, kwindi titlob li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallasha l-imsemmija somma flus. Is-socjeta` konvenuta tressaq l-eccezzjonijiet taghha, fosthom dik

preliminari, dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati u dan peress li l-kuntratt ta' bejgh tal-31 ta' Awwissu, 2012, kellu klawsola specifika li kull vertenza kuntrattwali bejn il-partijiet ghandha titressaq quddiem il-Qrati Inglizi.

10. L-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni preliminari u s-socjeta` konvenuta interponiet appell minnha u dan a bazi ta' tliet aggravji: (i) li l-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni zbaljata tal-ligi u/jew applikat il-ligi skorretta meta din sabet li s-socjeta` appellanti ssottomettiet ruhha ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati Civili ta' Malta a bazi tal-fatt li mhux biss ressqet eccezzjoni relatata mal-gurisdizzjoni pero` ressqet diversi eccezzjonijiet ohra fuq il-mertu; (ii) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-ligi, meta hija warrbet il-gurisdizzjoni esklussiva tal-Qrati Inglizi, kif miftehma esplicitament bejn il-partijiet u dan a kuntrarju tal-provvedimenti tal-ligi Ewropea prezentement fis-sehh; (iii) l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi l-ewwel eccezzjoni preliminari ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni a bazi tal-provi mressqa quddiemha, izda naqset milli taghmel dan meta sabet li l-kwistjoni dwar il-presenza o meno tal-prodott gewwa Malta ai termini tal-Artikolu 742 (1)(c), kienet kwistjoni li kellha tigi deciza fuq il-mertu.

11. Jinhass xieraq li l-ewwel jigi trattat it-tieni aggravju tas-socjeta` konvenuta appellanti. Ghandu jinghad mal-ewwel li, ma jirrizultax li l-

ezistenza tal-klawsola kuntrattwali li tirregola l-gurisdizzjoni esklussiva rizultanti mill-ftehim bejn l-istess kontendenti fil-kawza hija kkontestata. Il-korrispondenza elettronika datata 31 ta' Awwissu, 2012, esebita mar-risposta guramentata bhala Dok AOT, rapprezentanti l-kuntratt ta' bejgh u l-ftehim bejn il-kontendenti fil-kawza, fil-klawsola numru 12 jipprovdi hekk:

> *"This contract shall be governed by English Law. Any dispute between the parties or claims arising under, out of or in connection with the agreement shall be referred to and determined by the English High Courts and parties hereto submit themselves to the exclusive jurisdiction of the English Courts without recourse to arbitration."*

Kif gustament osservat mill-ewwel Qorti, din il-klawsola hija pjuttost cara u qajla tista' taghti lok ghal interpretazzjoni differenti minn dak li jinghad fiha.

12. Tajjeb li jigi nnutat li l-materja in ezami hija regolata permezz tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea li jgib ir-referenza 1215/2012 tat-12 ta' Dicembru, 2012, dwar il-gurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni ta' sentenzi f'kwistjonijiet civili u kummercjali, li bih gie riformulat dak precedenti li kien igib ir-referenza 44/2001. Dan ir-regolament 1215/2012, dahal fis-sehh fl-10 ta' Jannar, 2015, u ghalhekk m'hemmx dubju li ghandu japplika ghall-kaz in ezami li gie ntavolat f'Awwissu tas-sena 2015. Ir-regolament 1215/2012UE huwa bbazat u simili tassew ghal dak precedenti (44/2001). Jigi pprecizat ukoll li, bhala regolament,

ghandu effett dirett bhala ligi hawn Malta u ghandu jipprevali fuq kull ligi domestika li tista' tkun f'kunflitt mieghu. Tant hu hekk li, l-Artikolu 742 (6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi li, meta dispozizzjoni issir taht xi ligi ohra jew f'xi Regolament tal-Unjoni Ewropea fejn ikun hemm dispozizzjoni differenti minn dik li tinsab f'dak l-artikolu, id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 742 m'ghandhomx japplikaw dwar l-affarijiet li jaqghu taht dak ir-regolament u ghandhom japplikaw biss ghal affarijiet li dwarhom dak ir-regolament ma japplikax. Isegwi li sa fejn il-partijiet, kif ukoll l-ewwel Qorti ghamlu referenza ghall-Artikolu 742 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, dan l-Artikolu mhux aktar applikabbli fejn ikun japplika r-Regolament tal-Unjoni Ewropea. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu, 2015, fil-kawza fl-ismijiet **Maltrad (Holdings) Limited v. Norbert Coll**).

13. Issa l-Artikolu 6 tar-regolament 1215/2012UE jipprovdi li jekk il-konvenut ma jkunx domiciljat fi Stat Membru, il-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' kull Stat Membru ghandha, soggetta ghall-Artikoli 18 (1), 21 (2), 24 u **25,** tkun determinata bil-ligi ta' dak l-Istat Membru. Applikat dan ir-regolament ghall-kaz in ezami, is-socjeta` konvenuta appellanti, ghalkemm domiciljata fl-Izvizzera (li mhix Stat Membru), ghandha dritt li l-imsemmija artikoli, inkluz l-Artikolu 25, jigi applikat fil-konfront taghha bi

prevalenza fuq il-ligi domestika. L-Artikolu 25 tar-Regolament 1215/2012 UE jipprovdi li:

> *"1. Jekk il-partijiet, irrispettivament mid-domiċilju tagħhom, ikunu qablu li qorti jew qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom ġurisdizzjoni sabiex isolvu xi tilwimiet li jkunu qamu jew li jistgħu iqumu inkonnessjoni ma' relazzjoni legali partikolari, dik il-qorti jew dawk il-qrati għandhom ikollhom ġurisdizzjoni, sakemm il-ftehim ma jkunx null u bla effett legali fil-validità sostantiva tiegħu skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru. Ġurisdizzjoni bħal din għandha tkun esklużiva sakemm il-partijiet ma jiftiehmux mod ieħor. Il-ftehim li jagħti ġurisdizzjoni għandu jkun jew:*
>
> *"(a) bil-kitba jew ikkonfermat bil-kitba;*
>
> *"(b) f'ghamla li taqbel mal-prattiki li l-partijiet ikunu stabbilixxew bejniethom; jew*
>
> *"(c) f'negozju jew kummerc internazzjonali, f'ghamla li taqbel mal-uzanza li dwarha l-partijiet huma jew li kellhom ikunu konxji u li f'dak in-negozju jew kummerc tkun maghrufa sewwa, u regolarment osservata minn, partijiet ghal kuntratti tat-tip involut f'dak in-negozju jew kummerc partikolari kkoncernat.*
>
> *"2. Kwalunkwe komunikazzjoni b'mezzi elettronici li tipprovdi record dewwiemi tal-ftehim ghandha tkun ekwivalenti ghal 'kitba'."*

Dan il-provvediment jaghti gharfien lill-klawsoli gurisdizzjonali pattwiti, u b'rispett ghall-principju ta' *pacta sunt servanda,* ladarba l-partijiet ikunu qablu liberalment li kull kwistjoni ghandha titressaq quddiem qorti partikolari, dak il-ftehim jorbot lill-partijiet.

14. Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ladarba skont il-klawsola hawn qabel citata mill-ftehim in kwistjoni, hekk kif rizultanti mill-imsemmija korrispondenza elettronika bejn il-kontendenti fil-kawza, taghti gurisdizzjoni esklussiva lill-Qrati Inglizi, din il-Qorti ma tarax li tali

gurisdizzjoni tista' titwarrab facilment. Is-socjeta` attrici appellata ressqet l-argument quddiem l-ewwel Qorti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, li l-Qrati Maltin ghandhom gurisdizzjoni peress li s-socjeta` konvenuta ghandha assi hawn Malta li taghti gurisdizzjoni simultanja lill-Qrati taghna. Huwa minnu li f'certu kazijiet inghad li tezisti gurisdizzjoni simultanja, izda kull kaz irid jigi ezaminat fic-cirkostanzi partikolari tieghu. Ghalkemm is-socjeta` attrici permezz tax-xhieda ta' Sarah Cassar, sostniet li z-zejt li ma setax jitghabba fuq il-bastiment Sacro Cuor 1 (inkarigat mill-istess socjeta` attrici) jinsab mahzun fl-Oil Tanking Terminal, hawn Malta, dan jinsab kontradett mix-xhieda tar-rapprezentant tad-Dwana, mressqa mill-istess socjeta` attrici appellata (fol. 86- 88 tal-process) peress li z-zejt mahzun huwa differenti minn dak suggett tal-kuntratt. Dan il-fatt dwar id-differenza fil-kwalita` ta' zejt mahzun hawn Malta, jinsab eventwalment ikkonfermat ukoll mill-kontro-ezami tal-istess Sarah Cassar (fol. 93-96 tal-process). Jigi osservat li s-socjeta` attrici appellata ma ressqitx provi li jikkonvincu lil din il-Qorti li hemm cirkostanzi li jirradikaw il-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati li jiggustifikaw li titwarrab il-klawsola gurisdizzjonali.

15. Ghalkemm f'bosta sentenzi, il-kriterji li ggwidaw lill-Qrati kif citati estensivament, fis-sentenza msemmija mill-ewwel Qorti, kienu dawk ta' pratticita`, konvenjenza u espedjenza, in kwantu l-forum naturali sabiex

jigi stabbilit xi nuqqas f'konsenja, ikun dak il-post fejn ikun sehh l-iskariku tal-merkanzija, f'dan il-kaz, il-konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-fatt jekk il-bqija tal-prodott ordnat minghand is-socjeta` konvenuta jinsabx mahzun hawn Malta jew le, sabiex jirradika l-gurisdizzjoni tal-Qrati taghna, m'humiex essenzjali. Dan jinghad peress li wara kollox, l-azzjoni attrici hija wahda ta' rifuzjoni ta' hlas li allegatament sar zejjed u mhux wahda ta' danni, jew ta' nuqqas fil-kwalita` tal-merkanzija kkonsenjata jew ghall-konsenja tad-differenza fil-kwantita` taz-zejt. Mhux kontestat bhala fatt f'din il-kawza li, s-socjeta` attrici hadet biss 365.469 *metric tons* mill-konsenja ta' 500 *metric tons* pattwiti. Li jrid jigi determinat huwa r-raguni wara, jew ir-responsabbilita` ghal dan in-nuqqas u jekk jirrizultax tabilhaqq li kien hemm xi ftehim ulterjuri apparti dak rizultanti in atti li jaghti lok ghar-rifuzjoni mitluba. Il-Qrati huma marbuta li jiddeciedu l-kawza fil-parametri tat-talbiet attrici rizultanti mir-rikors promotur, hekk kif sostnuta bil-provi in atti. F'dan il-kaz, l-azzjoni attrici hija purament wahda ta' interpretazzjoni tal-kuntratt, fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz, hekk kif rizultanti mill-provi li jressqu l-partijiet, li ghandhom iwasslu ghad-decizjoni jekk it-talbiet attrici ghall-hlas, jirrizultawx bhala misthoqqa jew le. Materja li tista' facilment tigi determinata fil-Qorti tal-ghazla tal-partijiet kif rizultanti mill-kuntratt. Isegwi li s-socjeta` appellanti ghandha ragun fl-ilment taghha.

16. Din il-Qorti taqbel ukoll mas-socjeta` appellanti sa fejn jinghad minnha li l-ewwel Qorti zbaljat meta cahdet l-argument imressaq mis-socjeta` konvenuta kif imsejjes fuq ir-regolament 1215/2012UE, billi ghamlet referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Settembru, 2016, fil-kawza fl-ismijiet **C.&F. Building Contractors Limited v. Siegfried Generics (Malta) Limited,** liema sentenza kienet ibbazata fuq il-Konvenzjoni Ewropea tal-1968 (Brussels Convention) u l-hekk imsejha Konvenzjoni ta' Lugano ffirmata fl-1988 (li tirrifletti l-Konvenzjoni Ewropea - Brussels I - izda testendiha ghan-Norvegia, l-Izlanda u l-Izvizzera). F'dik is-sentenza nghad li "il-qorti ta' dak l-istat fejn il-konvenut ikun deher ("enters an appearance"), ikollha f'kull kaz gurisdizzjoni, u dan sakemm ma jkunx deher **biss ("solely")** biex jikkontesta l-gurisdizzjoni tal-Qorti." Kwindi f'dik il-kawza gie deciz li gialadarba s-socjeta` konvenuta dehret quddiem il-Qorti u kkontestat mhux biss il-gurisdizzjoni tal-istess Qorti, izda ressqet eccezzjonijiet fil-mertu, b'dan il-mod, issottomettiet ruhha ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, peress li meta dehret fil-qorti, ma llimitatx ruhha biex tikkontesta l-gurisdizzjoni tal-Qorti, izda dahlet fil-mertu tal-kwistjoni. L-ewwel Qorti ghamlet l-analogija li, f'dan il-kaz ukoll, ladarba s-socjeta` konvenuta ressqet l-eccezzjonijiet fil-mertu, issottomettiet ruhha ghall-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati. Izda kif gustament osservat mis-socjeta` appellanti, fl-ewwel aggravju taghha, dan ma kellux ikun il-kaz.

17. Filwaqt li huwa minnu li l-Konvenzjoni ta' Lugano tas-sena 1988, kienet tipprovdi fl-Artikolu 18 li:

> *"Apart from jurisdiction derived from other provisions of this Convention, a court of a Contracting State before whom a defendant enters an appearance shall have jurisdiction. This rule shall not apply where appearance was entered **solely** to contest the jurisdiction, or where another court has exclusive jurisdiction by virtue of Article 16."*

Illum il-gurnata giet ratifikata l-Konvenzjoni ta' Lugano, ffirmata bejn l-Unjoni Ewropea u stati li huma membri fil-*European Free Trade Association* (EFTA- fosthom l-Izvizzera) fit-30 ta' Ottubru, 2007 u giet fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 2010. L-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni ta' Lugano gie issa jaqra hekk:

> *"Apart from jurisdiction derived from other provisions of this Convention, a court of a State bound by this Convention before which a defendant enters an appearance shall have jurisdiction. This rule shall not apply where appearance was entered to contest the jurisdiction, or where another court has exclusive jurisdiction by virtue of Article 22."*

Il-kelma "*solely*" tnehhiet f'din l-ahhar Konvenzjoni. Kwindi ghalkemm Qorti ta' Stat firmatarju jkollha gurisdizzjoni tisma' il-kaz fejn il-konvenut jidher quddiem dik il-Qorti, dan ma japplikax fejn il-konvenut jidher sabiex jikkontesta l-gurisdizzjoni. Kwindi skont il-Konvenzjoni ta' Lugano tal-2007, ma hemm xejn li jista' jigi nterpretat li jorbot parti li tillimita ruhha ghall-eccezzjoni ta' gurisdizzjoni meta tidher quddiem il-Qorti.

18. Ghalhekk, il-fatt li s-socjeta` konvenuta kkontestat kemm il-gurisdizzjoni tal-Qrati taghna, kif ukoll ressqet l-eccezzjonijiet fil-mertu, ma kellux jittiehed mill-ewwel Qorti, bhala raguni li biha nstab li s-socjeta` konvenuta appellanti ssottomettiet ruhha ghall-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati. Dan l-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni ta' Lugano, li japplika kemm ghall-Izvizzera, kif ukoll ghal Malta, jirrifletti wkoll dak li jinghad fl-Artikolu 26 tar-Regolament 1215/2012UE, citat mill-ewwel Qorti. Hekk ukoll l-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni ta' Lugano similment jipprovdi ghall-gurisdizzjoni fis-sens tal-Artikolu 25 tar-Regolament 1215/2012UE citat qabel. Ghalkemm l-ewwel Qorti ccitat l-Artikolu 26 tar-Regolament 1215/2012UE, hija ghamlet analogija zbaljata meta ghamlet referenza ghas-sentenza **C.&F. Building Contractors Limited v. Siegfried Generics (Malta) Limited,** liema sentenza kienet ibbazata fuq il-Konvenzjoni Ewropea tal-1968 (Brussels Convention) u l-Konvenzjoni ta' Lugano tal-1988. Isegwi li s-socjeta` konvenuta appellanti ghandha ragun ukoll f'dan is-sens fl-ewwel aggravju taghha, meta tghid li l-ewwel Qorti bbazat ruhha fuq dispozizzjonijiet ta' ligijiet li m'humiex applikabbli ghall-kawza odjerna, limitatament sa fejn ghamlet analogija zbaljata.

19. Fil-verita` din il-Qorti tista' tieqaf hawn, gialadarba kif inghad qabel l-Artikolu 742 tal-Kap.12 ma japplikax ghall-kaz in ezami u ser jintlaqghu

l-ewwel zewg aggravji tas-socjeta` konvenuta appellanti. Izda jinhass xieraq li jigi pprecizat fir-rigward tat-tielet aggravju tas-socjeta` appellanti, li s-socjeta` attrici appellata ma ressqet ebda provi utili sabiex isostnu raguni l-ghala dawn il-Qrati ghandhom iwarrbu l-klawsola gurisdizzjonali pattwita u ghalhekk ir-Regolament 1215/2012UE ghandu jipprevali.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` konvenuta billi tilqa' l-istess, b'dan illi, filwaqt li thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-ewwel Qorti, u minflok tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` konvenuta u tiddikjara li dawn il-Qrati m'ghandhomx gurisdizzjoni jistharrgu dan il-kaz u ghalhekk tillibera lis-socjeta` konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk tal-prim'istanza, jithallsu mis-socjeta` attrici appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr